MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 361/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**

**Ryan Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Ryan Muscat [detentur ta' karta tal-identita` numru 52090M] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fis-17 ta' Mejju, 2009 f'San Pawl il-Baħar f'xi ħin bejn id-disa ta' filgħaxija u nofs il-lejl b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġuna debulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem ta' Roberta Galea skont ma ċċertifikaw Dr. Borg MD Reg. No. 2631 u Dr. Maria Agius MD Reg. No. 3125 tal-Isptar Mater Dei.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' tlett elef Euro (€3,000) u b'applikazzjoni tal-artikolu 30 tal-istess Kapitolu 9 skwalifikat lill-appellant minn kull liċenzja ta' sewqan għal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fil-11 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u fin-nuqqas, tirriforma s-sentenza appellata u tvarjaha billi tissostitwixxi l-piena ta' multa fis-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) u skwalifika minn kull liċenzja ta' sewqan għal żmien sena, mogħtija fil-konfront tal-appellant ai termini tas-sentenza appellata, b'piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti :

**<u>Ħtija</u>**

Illi s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ikkundannat lill-imputat, illum appellanti, għal piena ta' multa ta' tlitt elef Euro (€3,000) kif ukoll ta' skwalifika minn kull liċenzja ta' sewqan għal perjodu ta' sena, u dan wara li l-istess Onorabbli Qorti sabitu ħati tal-imputazzjoni rniġjuba kontrih. L-Ewwel Onorabbli Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha ta' ħtija wara li kkonkludiet illi "n-nuqqas ta' prudenza ordinarja u l-velocita` eċċessiva kienu l-kawża prossima tal—incident". Din il-konklużjoni l-istess Qorti waslet għaliha wara li għamlet numru ta' kunsiderazzjonijiet, senjatament:

**Illi l-allegazzjoni ta' l-imputat li kien qed isuq fil-ħin tal-inċident, b'erbgħin/ħamsin kilometru fis-siegħa, ma hijiex, skont l-istess Onorabbli Qorti, kredibbli meta wieħed jikkunsidra d-dinamika tal-inċident u l-ħsara li ġarrbet il-vettura, kif ukoll il-fatt illi l-ħabta seħħet iktar minn 80 metru 'l fuq, f'telgħa, mill-post minn fejn kien qed inixxi l-ilma. L-Ewwel Onorabbli Qorti għalhekk ikkonkludiet illi l-imputat kien għaddej b'veloċita' ferm iktar minn dik indikata minnu**.

Illi l-imputat, skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma naqqasx il-velocita' u ma ħa l-ebda prekawzjoni oħra meta avviċina l-post minn fejn kien qed jiskula l-ilma.

Illi b'danakollu, jirriżulta illi fil-kuntest ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ebda mument ma għamlet referenza għat-testimonjanza tax-xhieda li raw il-ħabta sseħħ u li xehdu f'dawn il-proċeduri, liema testimonjanza ċertament tikkontradixxi l-konklużjonjiet raġġunti mill-istess Qorti fis-Sentenza tagħha. Fil-fatt, jirriżulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat din ix-xhieda, senjatament dik tal-Ispettur Therese Sciberras, Christine Galea u tal-parte civile stess Roberta Galea, kompletament. Dawn xehdu testwalment hekk:

**L-Ispettur Therese Sciberras:-**

*"…. oħt it-tewmija ta' Roberta certa Christina, kienet cemplet lil Roberta u staqsietha għal xi għajnuna minħabba l-fatt li l-karozza tal-boyfriend ta' Christina kienet waqfet. Dawn reggħu dawru u marru lura. U peress li kien hemm xi fault ġo din il-karozza ddeċidew li jsuqu wieħed wara l-ieħor …….Meta ġew mitkellma kemm Roberta, kemm Christina u kemm Ryan huma kollha qalu li kienu telgħin it-triq isuqu bil-mod u għal xi raġuni Ryan tilef il-kontroll tal-karozza u baqa' dieħel ġo dan il-ħajt. Huma qalu li meta ħarġu barra mnn ġol-karozza raw mal-art ammont kbir ta' ilma, liema dan l-jlma aħna wkoll il-Pulizija nafu bih, hemm ammont ta' ilma naturali qed inixxi minn ġot-triq għal barra, minn ġol-ħitan.'*

**Is-Surgent Patrick Patrick Cassar PS 935:**

*“Christina Galea u James Spackman. L-stess qablu fl-istess verżjoni. Qaluli li kienu warajh, kienu qed isuqu warajh, telgħin lejn il-Mellieħa ….. Mistoqsi jekk jiena fil-kors tal-investigazzjonijiet tiegħu rrizultalix li Ryan Muscat kien qed isuq bi speed eċċessiv ngħid illi jiena saqsejt lill-partijiet involuti li huma ma qalulix li huwa kien qed isuq bi speed eċċessiv.”*

**James Spackman:-**

*“I was driving my car and driving immediately behind Ryan. Ryan was in fact driving this car immediately in front of me ... However that stretch of road was wet because a bit further down from where Ryan crashed there was water running along the road coming from a building on the side of the road. I am being asked whether I drove over the stretch of water I think I stopped before it ... The distance between my car and Ryan’s car was probably the length of the hall where I am giving evidence that is Hall 10 in the court. And we pretty much kept this distance between the two cars up to the time of the accident ... it is also being suggested to inc that after the swerving incident up to the point of the accident at Xemxija Ryan was driving in a correct manner, and I would say that yes that is a correct suggestion.”*[1]

**Christina Galea:-**

“Aħna tlaqna qabilhom imma l-karozza tagħna ma kinetx qegħda taħdem sew. Huma speċi telqu, over takjawna. Imbagħad lil Roberta erġajt ċempiltilha biex jerġgħu.jiġu għalina ….. .Huma telqu qabilna u aħna konna following warajhom ... (James) ma kienx like qiegħed isuq ħafna le …….(Ryan) kien naqra qabilna ... naħseb (veloċita’) bejn wieħed u ieħor l-istess.”

**Roberta Galea:**

[1] Ara l-kumment dwar il-biċċa nieqsa minn fol 76 minn wara l-kliem ‘ up to the time of the accident’

"Iva konna telgħin normali f'dik it-telgħa fejn morna għall-Inkjesta li f'ħin minnhom qisu tilef il-kontroll jew xi ħaġa ….Bħala speed eżatt ma nafx imma ma konniex qed insuqu, ma konniex qed insuqu ħafna ... normali".

**Finalment, fl-istqarrija ta' l-imputat, huwa kien qal:**

*"…. X'hin konna sejrin cemplet oħt Roberta fejn din qaltilna li l-karozza ta' l-għarus tagħha kienet qegħda tieqaf u aħna dorna lura biex ngħinuhom. Din irnexxielna nistartjawha u ddeċidejna li nsuqu wara xulxin …… kont qed insuq normali u kont attent għall-karozza ta' wara fis-sens li bdejt inħares mill-mera tan-nofs biex nara waqfux. Naf li kien hemm xi ilma fit-triq u l-karozza tiegħi skiddjat. Kont tiela' u sibt ruħi għal ġol—-ħajt. Meta ngħid li kont insuq normali ngħid li hu xi forty jew fifty kilometres."*

L-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi l-verżjoni tal-imputat riferibbilment għall-velocita` li kien għaddej biha fil-hin ta' l-impatt, ma hijiex kredibbli, iżda donnha nesiet kompletament illi din il-verżjoni ġiet korroborata pjenament mix-xhieda l-oħra kollha li kienu preżenti fil-ħin ta' l-impatt u li raw l-impatt iseħħ, li ikoll ikkonfermaw illi l-imputat ma kienx qed isuq b'xi speed eċċessiv.

Oltre dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti nesiet ukoll illi fiċ-ċirkostanzi, lanqas ma huwa plawsibbli illi l-imputat kien qed isuq b'xi speed eċċessiv, meta jirriżulta konfermat illi dak il-ħin, il-vettura misjuqa minn James Spackman kienet qed tinstaq wara dik ta' l-imputat minħabba li l-vettura ta' l-imsemmi James Spackman kellha l-ħsara u kienet qed tiqaflu. Jirriżulta ampjament u b'mod mhux kontradett illi għalhekk, huma ftehmu li jsuqu wara xulxin u fil-fatt kienu qed isuqu immedjatament wara xulxin ukoll meta ġrat il-habta. L-imputat stqarr illi huwa kien qed joqgħod attent għal din il-vettura ta' warajh u konsegwentement, il-verżjonijiet tax-xhieda prodotti li xehdu illi l-imputat ma kienx qed isuq b'xi veloċita' eċċessiva, jinsabu sorretti anke minn dan il-fatt inekwivoku.

Għalhekk ftit tagħmel sens il-konklużjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, meta rinfaċċjata bil-konsistenza fit-

testimonjanza dwar il-velocita' li biha kien għaddej l-imputat kif ukoll bil-fatt inkontestat illi l-istess imputat, bi ftehim ma' l-okkupanti tal-vettura ta' warajh, kien qed joqghod attent għal din il-karozza peress li kellha l-ħsara, li huwa kien qed isuq b'mod negliġenti, traskurat u b'nuqqas ta' prudenza ordinarja. Fiċ-ċirkostanzi, u fid-dawl tat testimonjanza tax-xhieda kollha li kienu preżenti fil-ħin ta' l-inċident, huwa diffiċli li wieħed jifhem kif l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet issib li l-imputat huwa hati li kien qed isuq b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, stante illi bl-ebda mod ma jirriżulta xi prova li l-imputat kien qed isuq oltre l-limitu tal-velocita' għal dawk l-inħawi.

Għal dak li jirrigwarda sewqan b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, l-Ewwel Onorabbli Qorti riedet ikollha provi ċari konklussivi u mhux kontradetti li jwasslu għall-konkluzjoni li l-imputat kien qed isuq b'dan il-mod, u dan lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li ċgur li jeżisti f'dan il-każ. F'dan il-każ, żgur illi mhux talli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex provi inekwivożi dwar il-ħtija ta' Ryan Muscat li kien qed isuq b'mod traskurat u bla ħsieb, talli kellha quddiemha testimonjanza netta, fuq ċitata, li tikkontradixxi dan l-allegat manijera ta' sewqan u tinstawrixxi d-dubju neċessarju li kellu jwassal għal-liberazzjoni ta' l-imputat. Fl-atti proċesswali kollha tal-każ in prim'istanza, ma teżisti lanqas prova waħda li tipponta skjettament għal xi nuqqas fis-sewqan ta' l-imputat.

Illi wiehed irid iżomm f'moħħu illi dawn huma proċeduri krirninali li rnhux proċeduri ta'
natura civili fejn id-determinazzjoni tal-kawza prossima tal-incident tkun relevanti, anzi neċessarja, għad-determinazzjoni ta' min għandu jigi attribwit b'responsabbilita' għall-incident. Jiġi sottomess umilment illi d-determinazzjoni li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti dwar x'kienet skont hi, il-kawza prossima ta' l-inċident, ma huwiex relevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, stante illi dak li kellha tfittex l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa jekk fil-fatt jirrizultax mill-provi b'mod li jmur oltre kull dubju raġjonevoli, illi l-imputat kienx qiegħed isuq:— "b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta` ħila fl-arti u l-

professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti", skont kif gie akkużat. B'danakollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konklużjonijiet tagħha billi siltet assunzjonijiet ibbażati fuq evidenza ċirkostanzjali biss, filwaqt illi skartat testimonjanza relevantissima li kellha ċertament tinstawra dubju f'moħħ il-ġudikant dwar l-allegat sewqan traskurat.

L-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-imputat kien qed isuq b'velocita` eċċessiva mhux għax jirrizulta li prova diretta f'dan ir-rigward, iżda rninn serje ta' assunzjonijiet u esklużjonijiet li bl-ikbar rispett dovut, ma jistgħux iservu sabiex isibu ħtija fil-kamp kriminali. L-ebda wieħed jew waħda rnix-xhieda li xehdu f'dawn il-proċeduri ma seta' jgħid kif ġara l-inċident, ċioe x'wassal ghall-iskiddjar tal-vettura ta' l-imputat, ħlief li kollha xehdu illi fi-inħawi fejn ġara l-inċident, it-triq kienet imxarrba bl-ilma ħiereġ għal fuq it-triq.

B'danakoilu, l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-konkluzjoni li hija kontradetta kompletament minn din it-testimonjanza, u li giet ibbażata wkoll fuq il-kunsiderazzjoni illi l-impatt sehh iktar minn tmenin (80) metru 'l fuq minn fejn kien qed inixxi l-jima in kwistoni fuq it-triq u għalhekk, skont hi, ma huwiex verosimili illi l-imputat skiddja fuq l-ilma in kwistjoni. F'dan il-kuntest, jiġi sottomess illi lanqas jirriżulta b'mod inkontestat u inekwivoku fejn effettivament kien l-ispot of impact, anke fid-dawl tal-fatt illi l-vettura ta' l-imputat ġiet imressqa mill-post fejn spiċċat wara l-ħabta, minn missier il-parte civile Roberta Galea, u dan minn jeddu u mhux fuq struzzjonijiet ta' l-imputat. Filwaqt illi skond l-Ispettur Therese Sciberras, l-ewwel impatt kien mal-ewwel faċċata tal-proprjeta` immedjatament adjaċenti għall-proprjeta' li minnha qed jiskula l-ilma, u filwaqt ukoll illi skond ir-rapport tal-inċident il-kundizzjoni tat-triq ġiet indikata bħala slippery, skond P.S. Patrick Cassar, l-ispot of impact kien iktar 'il fuq fit-triq u t-tul ta' l-Awla Numru 10 mill-punt fejn inixxi i-ilma in kwistjoni.

B'danakollu, fis-Sentenza taghha, l-Ewwel Onorabbli Qorti kkonkludiet illi i-impatt sar iktar minn 80 metru 'l fuq mill-punt tal-ħruġ tal-ilma fit-triq. . Fil-fatt, kieku wieħed kellu

jqis bħala korrett i-indikazzjoni, del resto kontestata u mhux ipprovata, illi l-impatt seħħ fejn indikat fir-ritratti mmarkata bħala Dok. MC1 fir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar, din id-distanza ma tissuperax is-sittin (60) metru skont il-qisien indikati fil-pjanta mħejjija mill-istess perit. Xorta waħda jiġi sottomess illi ma hemmx dubju illi kieku l-ħabta ġrat minħabba l-iskid fuq l-ilma, id-distanza bejn l-ilma fit-triq u l-ispot of impact ma tistax tkun daqshekk relevanti biex wieħed jasal għall-konklużjoni li kien hemm xi velocita` eċċessiva, stante illi l-iskiddjar fih innifsu jtellef il-kontroll tal-vettura u jrendi kważi inutili l-applikazzjoni tal-brejkijiet. Għaldaqstant, ċertament li l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-imputat kien għaddej bi speed eċċessiv minħabba din ir-raġuni, ma tista' qatt titqies bħala prova adegwata li tmur lil hinn minn dubju raġjonevoli sabiex issib ħtija fl-imputat ta' sewqan traskurat jew bi ksur ta' xi regolamenti.

Rinfaċċjata b'dawn il-kunflitti u ekwivoċi fix-xhieda u l-provi in materja ta' jekk l-imputat kienx għaddej b'xi nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni fis-sewqan tiegħu tenut kont tal-inħawi u għaċ-ċirkostanzi tat-triq dak il-hin tal-inċident, il-konvinċiment morali tal-Qorti, jew il-probabilita` ta' kif seħħet din il-kolliżjoni fil-fehma tagħha, huma immaterjali f'dan il-kamp kriminali. Wieħed irid iżomm f'moħħu illi f'dan il-każ ma jeżistu la brake marks li jistgħu jitfgħu xi dawl fuq l-ispeed li kien għaddej bih l-imputat, u lanqas imqar xhud wieħed li qal li l-imputat kien għaddej bi speed veloċi, jew b'xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Highway Code. Skont l-insenjament tas-sentenza ċitata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-ismjiet 'Pulizija vs Michael Grech', sewqan traskurat hu:

"kwalsiasi sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta` sewqan mistenni minn sewwieq raġjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza."

Fil-kaz de quo, mill-provi ma jirriżulta l-ebda nuqqas ta' dan it-tip deskritt fis-sentenza ċitata, u għalhekk dan l-insenjament, għalkemm korrett f'kuntest ġenerali, ma jistax isib riskontru f'dan il-każ. Għall-bqija, l-insenjament rigward sewqan bla kont u sewqan perikoluż huwa

irrelevanti stante illi l-imputat bl-ebda mod ma ġie mixli f'dawn il-proċeduri b'sewqan perikoluż jew bla kont.

2. **Il-piena ta' Multa u Sena Skwalifika**

Illi mingħajr ebda preġudizzju għal dak suespost u għall-aggravju tal-imputat fir-rigward tad-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u in linea sussidjarja, l-appellanti jħoss ruħu aggravat mill-piena mogħtija ghaliex fiċ-ċirkostanzi tal-kaz jidher illi l-quantum tal-multa u l-piena ta' skawlifika kienet wisq ħarxa.

Hawnhekk l-appellanti jirrileva illi fi kwalsiasi kas, jirriżulta li kien hemm negliġenza kontributorja da parti ta' Roberta Galea li jirriżulta li setgħet ma kinetx liebsa s-seat belt, liema fatt seta' għalhekk wassal għall-ġrieħi minnha sofferti. Barra minn hekk, l-appellanti għandu kondotta nadifa u ċertament fiċ-ċirkostanzi u fin-nuqqas ta' provi konklussivi dwar il-htija tiegħu f'dan ir-rigward (li, ai termini ta' l-ewwel aggravju, għandu jwassal għal-liberazzjoni tieghu mill-istess imputazzjonijiet), il-piena għandha tiġi mitigata.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Aggravju.**

Dan l-aggravju huwa dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din setgħet tasal għal dik il-konklużjoni raġonevolment u legalment.

Din il-Qorti reġgħet fliet ix-xhieda u d-dokumenti relevanti kollha. Minn dawn irriżulta dan li ġej.

Xehdet l-Ispettur Therese Sciberras li qalet li fis-17 ta' Mejju 2009 kien sar aċċident fit-Telgħa tax-Xemxija. Il-karozza Ford Escort LAD 847 kienet involuta f'dan l-inċident. Christina, oħt Roberta, li hija l-vittma f'dan l-inċident, kienet ċemplet lill-istess Roberta għall-għajnuna

għaliex il-karozza tal-boyfriend tagħha kienet waqfet. L-appellant saq quddiem u wara kien hemm il-karozza misjuqa mill-għarus ta' Christina. F'ħin minnhom l-appellant tilef il-kontroll u baqa' dieħel ġo ħajt. Biċċiet mill-winscreen daħlu fl-għajn il-leminija ta' Roberta. Hija tilfet parti sostanzjali mid-dawl għajnejha. Roberta, Christina u l-appellant kollha qalu li l-appellant kien qed isuq bil-mod. Meta ħarġu mill-karozza sabu ħafna ilma nieżel. Il-Pulizija li mar fuq il-post ma setax jagħmel sketch minħabba li Emanuel Galea, missier Roberta u Christina, kien ċaqlaq il-karozza minn postha għax din kienet f'nofs it-triq.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li meta staqsiet lil Roberta Galea kinitx liebsa s-seatbelt, din qalet li ma kinitx tiftakar.

Fl-istqarrija tiegħu l-appellant qal li Roberta Galea ma kenitx liebsa s-seatbelt. Huwa kien qed isuq normali (xi erbgħin jew ħamsin kilometru) u l-karozza skiddjat għax kien hemm l-ilma fit-triq. Meta skiddja kien tkaxkar mal-ħajt u sab pilastru 'l barra.

A fol 23 jidher il-case summary dwar Roberta Galea. Skont dan ir-rapport:

'She was counting fingers in the right eye and had an obvious penetrating injury to the right orbit. ...A full thickness corneal perforation was found and she had X8 corneal sutures.'

A fol 24 hemm ir-rapport mħejji minn Dr M Agius waqt li a fol 25 hemm ir-rapport medikali mħejji minn Dr Conrad Borg Registration Number 2631.[2] A fol 63 xehdet Dr Maria Agius u qalet li meta eżaminat lil Roberta Galea sabet li kellha qasma kbira fil-cornea. Kienet tilfet il-'kamra' ta' quddiem tal-għajn. L-offiżi huma gravi. Il-vittma għandha scar quddiem l-axis tal-vista tal-għajnejn u din timpediha minn vista tajba. Il-vista tkun irregolari minħabba l-istigamtism. U l-ħabba tal-għajnejn baqgħet dejjem ftit aktar min-normal. Il-vista qatt ma ser tkun daqshekk perfetta.

[2] Ikkonfermat bil-ġurament a fol 30 fejn qal ukoll li ma kienx sab bruising tas-seatbelt.

Xehed PS 935 Patrick Cassar li qal li ma kienx għamel sketch għax il-karozza kienet tneħħiet mnn fuq il-post. L-appellant kien qallu li l-karozza kienet marritlu minħabba l-ilma. Il-passiġġiera u oħtha taw l-istess verżjoni.

Dak in-nhar ma kentix neiżla xita pero' kien hemm l-ilma mal-art u arblu mgħawweġ. Id-distanza minn fejn kien qed jiskula l-ilma u l-punt tal-impatt hija daqs it-tul tal-Awla 10. Il-partijiet involuti ma qalulux li l-appellant kien qed isuq b'mod eċċessiv.

A fol 32 hemm il-verbal tal-aċċess fejn Roberta Galea kkonfermat il-post fejn ħabtet il-karozza mal-ħajt u kif din waqfet tħares 'l isfel. Min-nħa l-oħra l-appellant indika l-post minn fejn beda jitlef il-kontroll u ċioe' ftit aktar 'il fuq mit-tappiera. (Ara r-ritratt a fol 44)

Xehed l-AIC Mario Cassar li kien maħtur mill-Qorti biex jagħmel l-aċċess u jħejji pjanta.

Xehdet Roberta Galea li qalet li huma kienu sejrin minn Buġibba għal Mellieħa. F'xi l-ħdax u nofs ta' bil-lejl. F'ħin minnhom l-appelalnt qisu tielf il-kontroll. Baqgħu deħlin ġo arblu u l-karozza daret wiċċha 'l isfel (jiġifieri tħares lejn in-naħa minn fejn kienu telgħin). Il-kaorzza ġiet naqra fin-nofs. Mal-impatt il-windscreen tfarrak u tar ġo wiċċha. Kulħadd beda jgħidilhom biex iressqu l-karozza minn fejn kienet għax is-sewwieqa l-oħra ma setgħux jgħaddu. Ma kinux qegħdin isuqu ħafna. (Hawn il-Qorti kkonstatat il-marki fuq wiċċ ix-xhud) (fol 53). Mill-għajn fejn intlaqtet tara kollox imċajpar.

Xehdet Christina Galea li qalet li kienu telqu qabel ma bdew isuqu oħtha Roberta iżda peress li l-karozza li kien qed isuq Jack Packman kellha xi ħsara huma sejħu lil oħtha għall-għajnuna. Imbagħad il-karozza ħadmet u saqu wara l-karozza tal-appellant. F'ħin minnhom il-karozza daret u ħabtet ġol-ħajt. Roberta kellha toħroġ mill-widscreen għaliex il-bieba ma nfetħitilhiex. Kienet mimlija demm u bdiet tgħidilha li kienet qed taħseb li tilfet

għajnejha. Il-karozza ħabtet darba iża mbagħad qisha daret.

Fil-kontro-eżami hija qalet li l-għarus tagħha ma kienx qed isuq ħafna. L-appellant kien qed isuq xi ftit aktar minnhom. L-ilma kien nieżel iżda ħafna aktar l isfel.

Xehed ukoll Emanuel Galea li qal li kienu ċaqilqu l-karozza għaliex ma setgħux jgħaddu sewwieqa oħrajn. Huwa kkonferma li l-karozza kienet imdawra 'l isfel fin-naħa tal-karreġġjata minn fejn ix-xhud kellu jmur lejn l-isptar.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien jaf li t-tifrik li ra mal-ħajt kienu tal-karozza tal-appellant għax induna mill-fanali u mill-aċċessorji l-oħra. Huwa ma ftrakrax dak in-nhar kienx hemm ilma. Jekk kien hemm l-ilma dak kien 'l isfel.

Dr Joseph Debono xehed li kien ra lil Roberta Galea meta ddaħħlet għall-kura iżda mbagħad kienet trasferita taħt il-kura tal-Kirurgu Franco Mercieca.

James Spackman qal li kien qed isuq wara l-appellant. A fol 75 huwa xehed li ra lill-appellant 'swerving in and out' . Il-Karozza mxiet lejn il-lemin u baqgħet dieħla fil-ħajt. Fl-opinjoni tiegħu l-appellant kien qed isuq bl-40 jew il-50 mil fis-siegħa. Roberta kienet fuq il-bonnet tal-karozza għax kienet ħarġet mit-tieqa. Dak il-ħin ma kienx hemm karozzi oħra. Ftit aktar 'l isfel minn fejn l-appellant kellu l-inċident kien hemm l-ilma jiskula minn fond mal-ġenb tat-triq. Dan ix-xhud qal hekk ukoll:

**'I must say that whilst we were driving towards Xemxija Ryan was messing around by the car. Asked by the Court what I meant by the term messing around with the car, with the back of the car I was say he was swerving in and out.** Being asked by the Court what movements I saw immediately before the crash I saw the car sliding towards the right and then crash into the wall.'[3]

[3] Pagina 76

Fil-kontro-eżami huwa qal li d-distanza bejn il-karozza tiegħu u dik tal-appellant kienet ta' madwar it-tul tal-Awla Numru 10. Hu kien qiegħed isuq bejn wieħed u ieħor bl-istess speed li kien qed isuq l-appellant. U hawn żied jgħid:

**'I noted Ryan doing these swerving manoeuvres I described about a mile from the place (fol 76) of the incident. It is also being suggested to me that after the swerving incident up to the point of the accident at Xemxija the appellant was driving in a correct manner**.

A fol 93 xehed il-Professur Franco Mercieca li qal li Roberta Galea kellha qasma fuq għajnejha u kienu operawha. Roberta Galea ma ġietx stabbilita normali imma għall-injury li kellha marret tajjb ħafna jiġifieri salvat l-għajn. Kienet taqra aktar min-nofs ic-chart li tingħata fit-testijiet. Iżda bl-injury li kellha ser ikun hemm permanent damage.

L-appellant xehed fit-12 ta' Marzu 2012. Huwa qal l-karozza ta' James Speckman kienet waqfu u tlabu l-għajnuna tiegħu. Irranġaw il-karozza u tlequ wara xulxin. Ħdejn il-Beachhaven skiddja. Huwa kein qed isuq bl-40 minħabba l-camera li kien hemm dak iż-żmien. Kif ħareġ minn ġol-karozza kien hemm ħafna ilma u t-triq kienet tiżloq. Huwa qal li ma kienx jaf jekk l-għarusa tiegħu kenitx liebsa seat belt.

Fil-kontro-eżami huwa qal li l-ispeed camera kienet hemm imma ma kienx jaf jekk kenitx qed taħdem. Hawn il-Prosekutur staqsa:

'Ngħid sew li kien hemm ċerta distanza minn fejn kien hemm l-ilma għal fejn inti skiddjajt u bqajt dieħel ġol-ħajt?' U r-risposta kienet:

'Iva imma dakinhar kien hemm ħafna aktar ilma.'

Ikkonsidrat

Is-sottomissjoni ewlenija tad-difiża hija li diversi persuni xehdu li l-appellant kien qed isuq normali u li l-Qorti tal-Maġistrati jmissha straħet fuq dawn ix-xhieda għaliex dawn ikkoroboraw dak li qal l-appellant stess.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni għaliex il-provi ma jikkonsistux biss f'dak li ntqal dwar l-ispeed minn dawn ix-xhieda – li jibqa' dejjem impressjoni. Hemm ukoll id-dinamika tal-inċident li bilfors jitlob spjegazzjoni għax min ikun qed isuq normali ma jispiċċax iħares bil-maqlub ta' fejn kien sejjer u parti minnu fuq il-karreġġjata l-oħra tat-triq (ara x-xhieda ta' Emanuel Galea). Dwar dan il-Qorti tal-Maġistrati kellha kull jedd u kellu wkoll id-dmir li tagħmel il-konklużjonijiet tagħha**. Il-pożizzjoni ta' kif spiċċat il-karozza bl-ebda mod ma jikkorobora xhieda ta' sewqan bil-mod, anzi huwa kuntrastanti għal kollox.**

L-ewwelnett minn dawn ix-xhieda okulari, il-Qorti awtomatikament telimina lill-Ispettur Therese Sciberra u lis-surġent Patrcik Cassar PS 935 għax dawn ma kinux fuq il-post u xehdu biss dak li qalulhom.

It-tieni, mnn dak li qal James Packman l-appellant ħalla biċċa importanti barra fir-rikors promotorju tal-appell. Din hija dik is-sentenza li qal dan ix-xhud fejn kien ra lil-appellant jagħmel 'swerving manoeuvres'. Ukoll jekk dawn kienu qed isiru 'xi mil qabel il-post tal-impatt' jidher li l-appellant ma kienx qed isuq sew.

U dawn ma setgħux isiru xi mil qabel. Il-karozzi kienu fi triqithom bejn il-ħanut tal-crepes ġewwa Buġibba u x-Xemxija. Din id-distanza hija qasira ħafna u mhux it-triq kollha tippermittilek li tagħmel dawn is-swerving manoeuvres speċjalment fil-bidu tal-karreġġjata hekk kif titlaq minn Buġibba. Allura dawn il-manoeuvres bilfors seħħew f'anqas mid-distanza ta' mil indikata mix-xhud.

Dawn is-'swerving manoeuvres' diġa' jindikaw li s-sewqan tal-appellant ma kien normali xejn. Jiġifieri, ukoll ix-xhieda okulari li l-appellant tant straħ fuqhom, taw dettalji li

jindikaw biċ-ċar li l-appellant ma kienx prudenti fis-sewqan tiegħu.

U dejjem fuq ix-xhieda okulari – lanqas ma għenet is-sottomissjoni tal-appellant dwar ix-xhieda okulari meta wieħed jikkonsidra wkoll kif l-appellant isemmi speed **f'kilometri** s-siegħa u x-xhud James Speckman isemmi l-istess figura iżda **f'mili.**

Imbagħad wieħed irid jikkonsidra l-evidenza ċirkostanzjali li huma dwar kif u fejn spiċċat il-karozza. Jekk wieħed qed isuq 'normali', l-impatt mal-ħbit mhux ser iġib dak li filfatt irriżulta. Ir-recoil tal-ħabta ser ikun wisq anqas minn dak li ssuċċeda f'dan il-każ.. Dawn huma l-liġijiet tal-Fiżika u mhux 'xi impressjoni dwar l-ispeed' li kien qed isuq bih l-appellant.

Il-Qorti qed tikkwota b'approvazzjoni dan il-kumment magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati:

*'Illi l-persuni kollha fuq imsemmija: Roberta Galea, oħtha Christine, James Speckman, kif ukoll l-imputat taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem din il-Qorti.* ***Pero' dwar x'wassal eżattament għall-inċident ħadd minnhom ma jagħti informazzjoni effettiva. L-imputat*** *jgħid li huwa kien qed isuq normali b'veloċita' ta' xi erbghin jew ħamsin kilometru fis-siegha meta skiddja, ħabat mal-ħajt, mexa mal-hajt, ħabat ma' pilastru, u mbaghad il-karozza daret. L-imputat jgħid li huwa skiddja fejn kien hemm ilma mal-art. Iż-żewġ tfajliet ma tantx qalu wisq fis-sens li Christine, li kienet fit-tieni vettura misjuqa minn Speckman, qalet li rat il-vettura ta l-imputat iddur u tahbat mal-hajt. Min-naha taghha Roberta Galea qalet li kienu telgħin it-telgħa meta f'xi hin l-imputat qisu tilef il-kontroll u ħabtu ġol-arblu. Speckman qal li hu kien qed isuq wara l-imputat u li ra l-vettura "sliding" lejn il-lemin u mbagħad taħbat mal-ħajt man-naħa tax-xellug tat-triq. Hu qal ukoll li fl-opinjoni tiegħu l-imputat kien qed isuq bejn wiehed u iehor bllistess veloċita' li kien qed isuq hu, ċioe' xi erbgħin, ħamsin* ***mil*** *fis-siegħa.*

*Illi tul il-proceduri u anke waqt l-aċċess miżmum minn din il-Qorti l-imputat tefa' t-tort għal dan l-inċident fuq l-ilma li kien hemm fit-triq u li kien qed inixxi minn wara l-bini li hemm man-naħa tax-xellug tat-triq. Hu fil-fatt jallega li skiddja propju fuq dan l-ilma. Illi mhux kontestat li f'punt partikolari fit-telgħa tax-Xemxija inixxi ilma minn wara l-bini u dan jiskula għal got-triq. Dan l-ilma pero' kien ilu żmien twil inixxi qabel l-inċident in eżami għalhekk l-imputat bilfors kien jaf bih għaliex huwa mill-Mellieħa u jsuq minn dik it-triq b'mod frekwenti ħafna.*

*1 Dan a differenza ta' dak li jgħid l-imputat li kien qed isuq bl-erbgħin/hamsin kilometru fis-siegħa.*

*Il-post minn fejn inixxi l-ilma huwa distanti xi tmenin metru mill-post fejn seħħ l-impatt tal-vettura mal-hajt. Naturalment l-ilma jinzel 'l isfel minn dan il-punt; min-naħa l-oħra l-imputat kien qed isuq 'l fuq, għalhekk jekk huwa veru li l-imputat skiddja fuq dak l-ilma d-distanza li kompliet miexja l-vettura minn fejn l-imputat l-ewwel tilef il-kontroll tagħha sa kemm seħħ l-impatt kien ta' aktar minn tmenin metru u f'din id-distanza il-vettura kienet sejra 'l fuq fit-telgħa. Minkejja li kienet għaddejja għat-telgħa u għalhekk bilfors tibda titlef l-momentum ma waqfitx mal-ewwel impatt mal-ħajt imma skont kif iddeskriva l-istess* ***imputat ħabtet mal-ħajt, mxiet miegħu****,* ***ħabtet mal-arblu u mbagħad daret biex ġiet tħares 'l isfel****. Dan kollu suppost ġara meta l-imputat kien qed isuq (skont il-verżjoni tiegħu) b'erbgħin/ħamsin kilometru fis-siegħa,* ***allegazzjoni li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ xejn m'hi kredibbli.'***

F'din is-silta jidher ċar x'ikkonsidrat il-Qorti tal-Maġistrat fosthom id-distanza minn fejn kien qed inixxi l-illma u l-post fejn sar l-impatt, kif jirriżulta li sar l-impatt mid-deskrizzjoni li ta l-appellant stess u t-telf tal-momentum hekk kif il-karozza kienet tielgħa. Dan kollu qabblitu mal-ispeed li qal li kien miexi bih l-appellant u sabet li l-verżjoni tal-appellant mhix kredibbli. Innutat ukoll li ħadd mix-xhieda ma ta ħjiel ta' kif seħħ l-inċident. **Għalhekk il-Qorti**

**tal-Maġistrati użat is-sens komun u l-Liġijiet tal-Fiżika biex waslet għall-konklużjoni tagħha.**

L-appellant jissottometti li ma kienx hemm xi xhud li qal li ra lill-appellant isuq b'veloċita' eċċessiva. Dan huwa minnu iżda ġudikant tal-fatt jista' jiġbed il-konklużjonijiet minn evidenza ċirkustanzjali univoka u mhux bil-fors minn xhud okulari.

L-appellant jissottometti wkoll li ma nstabux brake marks. Apparti milli fil-ħin tal-impatt ma saret ebda inkjesta, il-brake marks isiru meta jkun hemm 'thinking time' ukoll jekk dan ikun ftit. F'dan l-inċident jidher li ma kienx hemm dan it-thinking time.

Lanqas ma jista' jwaħħal f'xi ngeliġenza kontributorja da parti ta' Roberta Galea jekk din ma kinitx liebsa s-seatbelt. (Dwar dan l-appellant fl-istqarrija jgħid mod waqt li meta xehed qal mod ieħor). Kif jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law (Part 1) a fol 72

'Contributory negligence on the part of the victim is not a ground of defence……because the Crown and not the deceased or his representative is the plaintiff.'[4]

Bħall-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti tikkonsidra li ġaladarba l-appellant kien jgħaddi minn din it-triq kull jum, allura kien jaf li jkun hemm ilma jiskula – dejjem jekk wieħed jaċċetta s-sottomissjoni tal-appellant li seta' skiddja. Ukoll jekk il-Qorti tieħu l-aħjar ipotesi favur l-appellant, jiġifieri li l-ilma seta' kien kaġun ta' skiddjar, wieħed kien jistenna li l-appellant joqgħod aktar attent u jnaqqas il-veloċita' li kien għaddej biha u li tirriżulta mill-evidenza ċirkostanzjali mibnija fuq prinċipji xjentifiċi. Żgur li l-mod kif kien isuq l-appellant juri nuqqas ta' ħsieb u traskuraġni[5]. Sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu juża biex jevita l-inċident stradali. Huwa dan in-nuqqas ta' prudenza li jidher f'dan il-każ.

---

[4] Il-Pulizija vs Christopher Siegersma tat-12 ta' Lulju 2007 Qorti tal-Appell Kriminali.
[5] Ara l-Pulizija vs Michael Grech tal-20 ta' Frar 2007 (Qorti tal-Appell Kriminali).

Il-ġrieħi li sofriet Roberta Galea jaqgħu taħt l-artikolu 218(1)(a) li jsemmi l-artikolu 226(1)(a)

Għalhekk din il-Qorti qed tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet fih raġonevolment u legalment.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju.

**It-tieni aggravju**

Dan huwa dwar il-piena.  L-appellant għandu fedina penali netta iżda r-riżultat tal-aġir tiegħu wassal biex persuna ser ikollha tbati b'difett serju permanenti.

Il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju wkoll.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad iż-żewġ aggravji u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Lulju 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------